MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru. 613/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**
**vs**
**Josef Sharfid**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Josef Sharfid ta' 32 sena, iben Mohammed u Maria Dolores nee' Mangion, mwieled Pieta' nhar id-09 ta' Awwissu 1975 u residenti nru 191, Triq ir-Repubblika, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 392375(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar id-19 ta' Mejju 2008, bejn 16.30 u 18.30, gewwa Triq Alamein, Pembroke, ikkommetta serq minn gewwa Room 300, Sprache Café', ghad-dannu ta' Daria Rylosa u Elisabeth Nederlandese, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u bil-lok;

2. Nhar id-19 ta' Mejju 2008, bejn 18:00 u 19:00, gewwa Triq Alamein, Pembroke, ikkommetta serq minn gewwa Room 504B, Sprache Café', ghad-dannu ta' Carlos Fiugueroa Gonzalea u Luca Darl Cappello, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37) u bil-lok;

3. Nhar l-24 ta' Gunju 2008, bejn 16:00 u 18:00, gewwa Triq il-Marfa, Mellieha, ikkommetta serq minn gewwa Room 151 Mellieha Holiday Centre, ghad-dannu ta' Jesper Frederick Dahl, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329, 37) u bil-lok;

4. Nhar l-25 ta' Gunju 2008, bejn 18:00 u 18:30, gewwa Triq il-Marfa, Mellieha, ikkommetta serq minn gewwa Room 207 u Room 164 Mellieha Holiday Centre, ghad-dannu ta' Erik Kai Christiansen, Miriam Magnus Christiansen u Morten Larsen, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u bil-lok

5. Nhar il-25 ta' Gunju 2008, bejn 19:30 u 21:30, gewwa Triq il-Marfa, Mellieha, ikkommetta serq minn gewwa Room 211 Mellieha Holiday Centre, ghad-dannu ta' Jacob Sonderholm u Dorte Irene Sonderholm, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u bil-lok;

6. Rrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta' Mejju 2009 (esebita a fol. 207 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) fl-artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) fl-artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) fl-artikoli 261(a)(b)(c),262(1)(b)(2), 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277(b), 278(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e) fl-artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f) fl-artikoli 49, 50, 51 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g) fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta’ Lulju 2010, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda hames serqiet differenti li sehhew bejn id-19 ta’ Mejju 2008 u l-24 ta’ Gunju 2008 minn zewg holiday complexes ghat-turisti, l-ewwel wiehed l-Sprache Café’ f’Pembroke u l-iehor il-Mellieha Holiday Centre aktar maghruf bhala d-Danish Village fil-Mellieha. Mill-provi rrizulta li z-zewg serqiet li saru mill-Sprache Cafe’ sehhew fid-19 ta’ Gunju 2008 bejn l-16.30hrs u 19.00hrs bl-ewwel serqa ssir minn Room 300 u t-tieni serqa ssir minn Room 504B. Dwar dawn iz-zewg serqiet gew prezentati r-rapporti relattivi[1] u xehdu PS431 Andrew St. John[2], PS

---

[1] Inseriti a fol. 36 sa 45 tal-atti rpocesswali.
[2] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 98 sa 101 tal-atti processwali.

1492 Joseph Pace[3] kif ukoll il-manager tal-Sprache Café' Thomas Rieger[4] fejn dawn irreferew ghal CCTV recording mehud minn CCTV cameras li kien hemm l-Sprache Cafe' fejn allegatament kienet tidher persuna tixbah lill-imputat qed jilghab mal-locks tal-bibien tal-kmamar u jippassiggja fil-kuruturi.

Ikkunisdrat:

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali setghat tikkonstata li dawn ic-CCTV recordings ma gewx esebiti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri, kif l-anqas ma gew esebiti l-istills mehuda minn dawn ir-recordings. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova li setghat b'xi mod tallaccja lill-imputat ma dawn iz-zewg serqiet. Il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ohra li tohloq ness bejn l-imputat u dawn l-imsemmija zewg serqiet u naqset ukoll milli ggib provi li jindikaw in-natura u l-valur tal-oggetti allegatament misruqa. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputat huwa hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet(3), ir-raba'(4) u l-hames(5) imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bi tlett serqiet li sehhew fl-24 u l-25 ta' Gunju 2008 minn room 151, room 164 u romm 211 tal-Mellieha Holiday Centre rispettivament. In kwantu jirrigwarda dawn it-tlett serqiet ghalkemm gew prezentati r-rapporti relattivi liema rapporti gew debitament konfermati mill-membri tal-korp tal-Pulizija li hadu l-istess rapporti u mill-Pulizija li nvestigaw dawn is-serqiet, u ghalkemm xehdu xi staff tal-Mellieha Holiday Centre, u cioe' Marika Farrugia, Marika Micallef u Matthew Oliva[5], li identifikaw lill-imputat bhala r-ragel li huma kienu raw idur fil-Mellieha Holiday Centre u li dahlilhom suspett fih bhala l-persuna responsabbli ghas-serqiet li kienu qed isiru mill-Complex, fil-fehma tal-Qorti l-

---

[3] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nseritaa fol. 108 u 109 tal-atti processwali.
[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 131 u 132 tal-atti processwali.
[5] Li lkoll xehdu waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu 2009.

Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien responsabbli ghal dawn is-serqiet jew li effettivament dawn is-serqiet sehhew u saru bil-mod allegat mill-Prosekuzzjoni. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet. F'dawn il-proceduri ma ttellghux jixhdu l-allegati vittmi u l-anqas ingabet il-prova ta' x'kienu l-oggetti allegatament misruqa jew dwar il-valur tal-istess oggetti. Jinghad inoltre li hadd mit-tlett xhieda appena imsemmija ma qal li kien ra lill-imputat diehel jew hiereg fit-tlett ikmamar li minnhom saru s-serqiet jew altrimenti li nstabu xi oggetti fuqu li wara rrizulta li kienu nsterqu mill-kmamar imsemmija. Inoltre irid jigi rilevat li mill-provi rrizulta li fl-istess gurnata, u cioe' fil-25 ta' Gunju 2008, giet arrestata u sussegwentement imressqa l-Qorti u misjuba hatja ta' dawn is-serqiet, terza persuna, Rita Borg. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien responsabbli ghal dawn it-tlett serqiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------